# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 1049/97

Joseph Schembri

vs

Direttur Dipartiment ta' l-Industrija, u Stralcjarju tal-Kumpanija Construction & General Engineering Co. Ltd. u l-Malta Investment Management Co. Ltd.

Illum 23 ta' Mejju, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa sofra ingustizzja f' perjodu li jaqa' bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 peress li l-atti ingusti sehhew principalment bejn l-1 ta' Jannar 1988 u l-1 t' Ottubru 1992;

Illi fil-qosor, il-fatti tal-kaz kienu s-segwenti:-

Illi fl-1978 huwa dahal jahdem full-time mal-Kumpanija Construction and General Engineering Company Limited, li l-Gvern huwa azzjonista principali taghha, bit-truck impressed;

Illi arbitrarjament u bla ebda raguni gusta, b'effett mill-1 ta' Jannar 1988 naqqsulu l-paga minn LM16 ghal LM11 kuljum;

Illi fl-14 t' Awwissu 1992, huwa gie nfurmat li l-impjieg tieghu gie terminat b'effett mill-1 t'Ottubru 1992 minhabba problemi tal-Kumpanija;

Illi madankollu, wara, ix-xoghol li kien jaghmel hu beda jsir minn sewwieqa ohra li jinkrew ghal ta' l-apposta meta kien jinqala' l-bzonn.

Illi biex isostni l-ilment tieghu, huwa kien bi hsiebu jressaq lix-xhieda murija fl-elenku anness, kif ukoll xhieda ohra producibbli fi stadju ulterjuri.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment tieghu skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata r-rimedju li jigi ordnat li ssir gustizzja mieghu billi jigi re-instated bit-truck impressed ma kwalunkwe dipartiment jew bzonn iehor tal-gvern, jew jekk dan ir-rimedju mhux possibli li jinghata, jigi

ordnat li r-rikorrent jithallas kumpens ta' hames elef Lira (LM5,000) jew somma verjuri.

Ra l-lista tax-xhieda.

Ra r-risposta tas-socjeta` intimata li eccepiet:

Illi ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn ir-rikorrent u l-MIMCOL u ghalhekk l-istess esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi t-talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt infatti;

Illi r-rikorrenti kellu mezzi legali ohra quddiem Tribunal iehor li ghandu gurisdizzjoni esklussiva ghal tkeccija allegatament ingusta u f' kull kaz l-istess terminazzjoni ta' l-impjieg saret minn kumpanija illum defunta.

Ra l-lista tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra r-risposta ta' l-intimat d-Direttur Dipartiment ta' l-Industrija, li eccepixxa:-

Illi primarjament huwa mhux il-legittimu kuntradittur u ghaldaqstant gie mharrek inutilment.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost "impressed" ma jaqax fil-parametri ta' l-Art. 6 ta' l-Att VIII tan-1997.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost hija l-vettura li tigi impressed mad-Dipartiment u mhux ix-xufier u ghaldaqstant ir-rikorrent ma ghandu l-ebda interess guridiku f' din il-procedimenti.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tas-socjeta' Construction & General Engineering Co. Ltd u (2) tal-istralcjarju Charles Rapa f'ismu proprju li eccepew:

1. Illi, in linea preliminari, ir-rikors huwa irritu u null minhabba il-karenza ta' indikazzjoni cara ghar-rigward ta' intimat esponent in kwantu jidher li l-istracjarju huwa personalment lamentat u kwindi qed jigi ecepit li l-istralcjarju fil-kwalita' tieghu personali m'huwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrent f'dawn il-proceduri.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-su-ecepit dan it-Tribunal m'huwiex hemm sabiex juzurpa l-gurisdizzjoni u l-funzjonijiet tat-Tribunal Industrijali, stante li l-mertu tal-kwistjoni funzjonijiet ta-tTribunal Industrijali, stante li l-mertu tal-kwistjoni odjern, in kwantu jirreferixxi ghall-ilment dwar tkeccija ingusta tar-rikorrent, jaqa' purament u eskluzivament fil-kompetenza ta' l-istess Tribunal Industrijali, u ghaldaqstant dan it-tribunal m'ghandux gurisdizzjoni jittratta dan l-ilment kif gia

gie deciz inter alia fis-Sentenza "Nicholas Farrugia vs Malta Drydocks" (15/7/99).

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-su-ecepit u fil-mertu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti irirdu qabel xejn jigu ippruvati minnu u **in ogni caso,** ir-responsabilita' legali ta' dak allegat mir-rikorrent mhijiex u m'ghandiex tkun attribwita lilir-rikorrent pro et noe.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-su-ecepit l-agir tas-socjeta' esponenti kien gustifikat fic-cirkustanzi, kif sejjer jigi spjegat f'aktar dettal fil-mori tal-kawza.

5. Illi l-kumpens likwidat u mitlub mir-rikorrenti fir-rikors promotorju tieghu huwa ferm eccessiv.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsudra

Illi din d-decizzjoni tirrigwarda eccezzjoni preliminari fuq il-fatt li r-rikors jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal minhabba li karozza impressed ma taqax fil-kompetenza tat-Tribunal, fuq

terminazzjoni ta' impieg u kompetenza, u fuq tnaqqis mill-paga u kompetenza tat-Trbunal.

Dwar l-aspett ta' l-impressed dan it-Tribunal fir-rikors fl-ismijiet "Anthony Mifsud vs Korporazzjoni ghas-Servizz ta` l-Ilma" deciz fis-16 ta' Frar, 1998, qal:

"Ghalhekk il-kompetenza tat-Tribunal hija
[a] dwar ilmenti miktuba minn persuni li jallegaw li garrbu ingustizzja
[b] li l-ingustizzja trid tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab [in consequence of undue distinction, exclusion or preference which has been made or given to his prejudice, or of any disability or restriction to which he has been subjected]
[c] b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar dak imsemmi aktar l-isfel.

Issa l-lista elenkata fil-paragrafi 6 (1) (a) (b) (c) (d) hija ezawrjenti b'mod li bil-fors il-kwistjoni trid tirriferi ghal hatriet, promozzjonijiet, trasferimenti, dhul fl-impieg, licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi u dan ad eskluzzjoni ta' xi azzjonijiet simili jew ftit differenti? Hu necessarju li l-kazijiet jaqghu precizament f'dawn it-termini, jew il-ligislatur ried jinkludi kazi ohra li huma ta' l-istess natura?

Ghandhom jigu kunsidrati ingustizzji ohra li pero' ma humiex strettament hatra, promozzjoni, jew trasferiment, izda possibilment xi ingustizzja ohra mhux specifikament imsemmija izda li hi ta' l-istess natura?

Jekk hi inkluza promozzjoni certament li tidhol promozzjoni b'data differenti [anticipata jew posticipata]; kif ukoll hija inkluza "demotion". Jekk gie inkluz trasferiment [minn Dipartiment ghal iehor, jew sezzjoni ghal ohra] ghaliex m'ghandiex tigi inkluza rizenja sfurzata mic-cirkostanzi! Jidher li l-ispirtu tal-ligi kien li tkopri l-ingustizzji kif elenkati izda mhux li tinghata interpretazzjoni ferm restrittiva b'mod li jigi stultifikat l-iskop tal-ligi specjali li saret.

Dan it-Tribunal ihoss li hu ferm difficli li "a priori" jaghmel regoli precizi ta' dawk l-azzjonijiet kollha li jaqghu fil-kompetenza tieghu u liema le. Hu necessarju li f'kull kaz fejn ma huwiex specifikament imsemmi mill-istess ligi li t-Tribunal jezamina jekk il-kaz jinkwadrax.

Ikkunsidra li l-Korporazzjoni intimata qedgha ssostni li l-karozzi huma impressed u mhux id-driver, li dawk id-drivers ihallsu l-bolla tan-National Insurance tas-"self-employed" u jhallsuha huma kollha, la ghandhom leave u lanqas sick leave. Dawn fil-fehma tal-Korporazzjoni jeskludu lil min hu bhal rikorrent milli jaqgha that il-

gurisdizzjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Pero' hu ta' min isemmi li ghalkemm ix-xhud tal-Korporazzjoni semma li l-karozza hi impressed u mhux ix-xufier, hemm il-kundizzjoni li l-vettura "must be owner driven" b'mod li l-ftehim ghalhekk qieghed isir mhux ghall-uzu esklusiv tal-karozza izda bhala kundizzjoni fundamentali li ma' l-uzu tal-karozza irid ikun hemm ukoll is-sewqan mis-sid. Ghalhekk, ghalkemm strettament dan ix-xoghol ma jinkwadrax ruhu f'impieg b'mod li l-bolla tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali tithallas ta' self-emplyed, u li l-Manager tal-Personnel ma jkollux x'jaqsam maghhom direttament, xorta wahda ghall-iskop ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ghandu jitqies bhala "dhul fl-impieg". Jekk saret ingustizzja relattiva ghal impressed driver din ma tesorbitax mill-kompetenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Dwar l-aspett ta' kompetenza u terminazzjoni ta' impieg l-istess rikorrent fin-nota tieghu semma a fol 19 li jaqbel li t-Tribunal ma ghandux kompetenza dwar terminazzjoni – Ara wkoll 2/2/99 Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici, 15/7/99 Nicholas Farrugia vs Chairman Malta Drydocks, u 1/2/00 Vincent Mifsud vs Bank of Valletta.

Hemm it-tielet eccezzjoni preliminari fejn xi intimati insistew li l-ilment tar-rikorrent dwar tnaqqis ta' paga jesorbita mill-kompetenza. Dan l-aspett ta' kompetenza jirrizulta minn dak li jsemmi l-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997.

Fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et" deciza fl-10 ta' Mejju, 1999, it-Tribunal qal:

"Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

"6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici … L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg … Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi….

L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga."

Ir-rikorrent isostni li tnaqqis ta' paga tidhol fit-termini tal-Att VIII. Ta' min isemmi li r-rikorrent semma dan l-aspett tal-ilment fil-korp tar-rikors izda meta gie ghat-talba finali ma ghamilx talba formali dwar dan l-aspett. Ghalhekk ma jistax ir-rikorrent jargumenta li l-intimati u kjamati fil-kawza ma eccipewx mill-ewwel dwar dan l-aspett u issa dan tardiv ghax kien propju hu stess li ma ghamilx talba formali dwar dan l-aspett. Il-fatt biss li hemm allegata ingustizzja ma jwassalx ghal fatt li l-ilment ghandu jigi investigat mit-Tribunal ghax mhux kull ingustizzja taqgha fit-termini ta' l-Att. Tnaqqis fil-paga imkien ma tissemma fis-sub-artikoli (a) sa (d) tal-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Ghalhekk it-talba tar-rikorrent tesorbita mill-kompetenza tal-Att.

Jilqa' l-eccezzjonijiet li t-talbiet tar-rikorrent jesorbitaw mill-kompetenza tat-Tribunal.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.